MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 198/2007

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-7 ta' Mejju, 2007 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-kontendenti kienu żżewġu fit-28 ta' Ġunju, 1991.

2. Illi l-attur għadu kif sar jaf illi l-konvenuta kienet ippreżentat kawża ta' separazzjoni kontra tiegħu, liema kawża hija fl-ismijiet inversi u ġiet deċiża fit-23 ta'

Marzu, 2007 (Ċitaz. Nru. 413/05JA). Kopja ta' din is-sentenza qed tiġi esebita bħala Dok. A.

3. Illi l-attur kien baqa' kontumaċi f'dik il-kawża peress illi ma kienx jaf biha u fil-fatt qatt ma deher fiha.

4. Illi mill-verifiki li għamel l-attur jirriżulta li huwa ma ġiex notifikat validament, u dan għal żewġ raġunijiet.

5. Illi fl-ewwel lok jirriżulta li l-pubblikazzjoni saret biss fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali waħda.

6. Illi mill-atti ma jirriżultax illi l-Qorti kienet awtorizzat illi pubblikazzjoni ssir f'gazzetta lokali waħda biss, u dan kontra dak illi jiddisponi l-Artiklu 187(3) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi *in oltre* l-affissjoni qatt ma saret effettivament għaliex l-attur qatt ma sab xejn imwaħħal mal-bieb ta' barra tar-residenza tiegħu.

8. Illi għalhekk jeżistu ċirkostanzi li fihom tista' tintalab ritrattazzjoni *ai termini* ta' l-Artiklu 811(b) tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i) Tiddikjara li l-attur ma kienx notifikat legalment fil-kawża fl-ismijiet inversi (Ċitaz. Nru. 413/05JA) deċiża minn din il-Qorti fit-23 ta' Marzu, 2007 u konsegwentement tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza mogħtija f'din l-istess kawża, *ai termini* ta' l-Artiklu 811(b) tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

ii) Konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni mill-ġdid ta' l-istess kawża.

Bl-ispejjeż u l-konvenuta nġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta, ippreżentata fl-4 ta' Lulju, 2007, li permezz tagħha esponiet bir-rispett u bil-ġurament ikkonfermat:

1. Illi fil-kawża fl-ismijiet inversi, illi tagħha qegħda tintalab ir-ritrattazzjoni, A ġie legalment notifikat biċ-ċitazzjoni ta' l-esponenti permezz tal-proċedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni *ai termini* ta' l-Artiklu 187(3) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitlu 12). Illi dan l-artiklu jirrikjedi l-pubblikazzjoni ta' estratt miċ-ċitazzjoni / rikors ġuramentat fil-Gazzetta tal-Gvern "*u f'ġurnal lokali ta' kuljum* ***wieħed jew iktar minn wieħed skond kif il-Qorti tiddeċiedi***". Illi din l-Onorabbli Qorti fl-ebda punt tal-kawża li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, ma ordnat illi n-notifika ssir f'iżjed minn ġurnal lokali wieħed.

2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi qed isiru a bażi ta' l-Artiklu 811 tal-Kapitlu 12, liema artiklu japplika għal ritrattazzjoni ta' kawżi deċiżi fit-Tieni Istanza. Illi s-sentenza li tagħha qegħda tintalab ritrattazzjoni fil-kawża odjerna, hija sentenza tal-Prim'Istanza.

3. Illi t-talbiet attriċi huma vessatorji u maħsuba biss biex itawlu l-proċess u biex jivvendikaw mill-esponenti *stante* illi s-sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni hija favorevoli għaliha.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavit ta' l-attur u ta' ommu C.

Rat l-atti tal-kawża li tagħha qed tintalab is-smigħ mill-ġdid, liema atti ġew allegati ma' dawk ta' din il-kawża *ai termini* tad-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Jannar, 2008.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob li jsir is-smiegħ mill-ġdid tal-kawża msemmija a bażi tas-sub-inċiżi b'ta' l-Artiklu 811 tal-Kapitlu 12. Dan is-sub-inċiż jagħti dan id-dritt *jekk iċ-ċitazzjoni ma tiġix notifikata lill-parti telliefa kemm-il darba l-istess parti ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża.*

Il-fatti li taw lok għall-kawża huma ampjament spjegati fiċ-ċitazzjoni; in ri-assunt pero' l-attur qiegħed jilmenta mill-fatt illi ma saret ebda affissjoni ma' daru kif jitlob l-Artiklu 187(3) tal-Kapitlu 12, kif ukoll li ma saritx pubblikazzjoni f'iktar minn ġurnal wieħed lokali. Dwar dan l-aħħar punt għandu jingħad li kif eċċepiet il-konvenuta dan is-sub-inċiż ma jgħidx li trid issir bilfors pubblikazzjoni f'iktar minn ġurnal wieħed, iżda l-Qorti għandha fakolta' tordna dan. Għalhekk din il-lanjanza ma għandha ebda bażi legali. L-istess mhux fondata hija l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta li l-Artiklu 811 jitkellem biss fuq kawżi li ġew deċiżi fi grad ta' appell. Huwa minnu li *prima facie* dan jidher hekk iżda l-artiklu li jiġi mmedjatament warajh u *cioe'* l-Artiklu 812 jagħmilha ċara li smiegħ mill-ġdid jista' jintalab ukoll meta l-attur fil-kawża ta' ritrattazzjoni jkun sar jaf bis-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel grad wara li jkun għadda ż-żmien biex jappella minn dik is-sentenza.

Għalhekk il-Qorti trid tindaga biss jekk saritx in-notifika tal-konvenut (attur fil-kawża odjerna) fil-kawża msemmija *ai termini* ta' l-Artiklu 187(3) tal-Kapitlu 12 billi l-Qorti kienet ordnat illi n-notifika tiegħu ssir b'dan il-mod wara li ma ġiex notifikat bil-proċedura normali.

Fil-kawża <u>Bugeja *nomine* vs Kummissjarju ta' l-Art</u> deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar, 2002 intqal illi:

"*Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lumeġġjat dan il-karattru bl-istorja ta' dan l-istitut; bil-konsegwenza loġika li r-regoli li jiggovernawh huma ta' interpretazzjoni*

*strettissima (Vol. XXVII-i-818, Vol XXVII-i-584 u XXII-I-385). Diversament, taħt il-pretest ta' ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista' jiftaħ il-kawża u b'hekk indirettament jinħoloq tribunal tat-tielet istanza.*"

F'din il-kawża l-Qorti għandha quddiemha l-verżjoni ta' l-attur li jinsisti li qatt ma saret l-affissjoni ma' daru u dik tal-marixxall, li kien inkarigat min-notifika Nazzareno Mifsud illi meta xehed ikkonferma li huwa waħħal l-att promotur ta' dik il-kawża mal-bieb fejn joqgħod l-attur. Fil-fatt ir-riferta in kwistjoni tgħid li huwa waħħal l-att *mal-post*. Naturalment il-marixxall, illum irtirat, ma jiftakarx eżatt dak illi ġara f'Lulju 2006 għaliex apparti li għaddew kważi sentejn huwa jkun għamel diversi notifiki u ma huwiex ġust illi wieħed jistenna li jiftakar.

Huwa veru li omm l-attur tgħid illi hija toqgħod bieb ma' bieb ma' binha u qatt ma rat xejn imwaħħal mal-ħajt, madankollu l-Qorti in mankanza ta' provi kontrarji ma tistax tistrieħ fuq id-deposizzjoni ta' l-attur u ta' ommu li għandhom interess f'dak li jixhdu, u tiskarta d-deposizzjoni tal-marixxall li wieħed ma jistenniex li jiddikjara li waħħal l-att mal-post meta dan ma jkunx minnu. Seta' ta l-każ li xi ħadd (forsi l-attur stess b'rabja) qatta l-karta u allura l-attur veru ma ra xejn, iżda dan ma jibdilx il-fatt illi l-marixxall waħħal l-att u allura n-notifika saret kif suppost. Il-Qorti ma tistax ukoll ma tikkummentax illi jirriżulta permezz ta' xhieda independenti mill-atti tal-kawża li qed titntalab revoka tagħha li l-attur għandu problema ta' xorb u allura dan jista' jispjega għaliex hu ma jaf b'xejn.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tiċħad it-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------